MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Numru 1276/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**VS**
**MOHAMED MUSE ALI**
**MOHAMED HASAN IBRAHIM**

Il- Qorti

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra Mohamed Muse Ali ta' 21 sena, iben Muse Ali u Maryam nee' Aynan, imwieled Mogadishu, Somalia nhar it-23 ta' Settembru 1987, residenti gewwa Tent 2 Hal-Far u bin-numru ta' l-Immigrazzjoni 08SS 13. Mohamed Hasan Ibrahim ta' 21 sena, iben Hasan Ibrahim u Asha Ahmed Yusuf, imwieled Mogadishu, Somalia fis-sena 1987, residenti Camp 1 Hal-Far Detention Centre, Hal-Far, bin-numru ta' l-Immigrazzjoni 08KKK 24.

Illi huma akkuzati talli nhar il-25 ta’ Dicembru 2008 ghal habta tas-02:00 filghodu gewwa Birzebbugia Promenade limiti ta’ Triq San Patrizju, Birzebbugia:

1. Bil-hsieb li jaghmlu delitt cioe, bil-vjolenza jikkommettu stupru fuq il-persuna ta’ *Ommissis A* ta’ *ommissis*-il sena, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tal-hati, jew inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li l-hati jkun inqeda bihom;
2. Fl-istess jum, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-imsemmija *Ommissis A* kontra l-volonta’ taghha, liema delitt sar bhala mezz sabiex hija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b’eghmil zieni, ikkorrompew lil *Ommissis A*, minorenni ta’ *ommissis*-il sena, liema reat sar b’qerq;
4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, eccitaw, ghinu jew iffacilitaw il-korruzzjoni ta’ l-istess imsemmija minorenni ta’ taht l-eta’ cioe *Ommissis A*;
5. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ippartecipaw f’attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l-eta’ cioe *Ommissis A*;
6. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkommettew attentat vjolent ghal pudur fuq l-istess imsemmija persuna cioe *Ommissis A*;
7. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, gabu ruhhom b’tali mod li taw fastidju lil persuna *Ommissis A* u xi persuni ohra u b’mod li jkunu jafu jew kien imissu jkunu jafu li dan kien ta’ fastidju ghal persuna msemmija u/jew persuna ohra;
8. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, offendew il-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku;
9. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, nstabu fis-sakra b’mod li ma kienux jistghu jiehdu hsieb taghhom innifshom.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuni nvoluti u l-familja taghhom ai termini ta’ l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.289) taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputati;

Rat il-verbal datat 18 ta’ Frar, 2010 fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-Ispettur Raymond Aquilina (a fol.16 et sequitur) ipprezenta certifikat tat-twelid tal-minuri *Ommissis A* Dok.RA1 - Site Plan ta’ fejn gara l-allegat l-incident, (Dok.RA2 - l-istqarrija ta’ l-imputat Mohamed Muse Ali u Dok.RA3 - l-istqarrija ta’ l-imputat Mohamed Hasan Ibrahim.

Fl-istqarrija tieghu, Mohamed Muse Ali, xehed illi huwa kien ilu joqghod Malta minn Lulju tat-2008 u kien harab mid-Detention Centre, flimkien ma’ habib tieghu mis-Somalia. L-imputat ikkonferma illi kienu dahlu go bar fejn kienu iltaqghu ma’ zewg guvintur minn pajjizhom u xorbu flixkun birra u l-imputat l-iehor (Mohamed Hasan Ibrahim) xtara flixkun inbid u marru bil-qegheda hdejn il-bahar. Qaghadu hemmhekk bejn xi siegha u nofs, saghatejn u ma jiftakar xejn aktar hlief illi meta qam sab ruhu l-isptar bi griehi fuq wiccu illi ma setghax jispjega kif sehhu. Jiftakar illi hu u l-co-imputat kienu fis-sakra u kienu skonvolti. Rinfaccat b’dak illi l-Pulizija qabduh jaghmel in fragrante, l-imputat jghid:

*“I can’t believe this but if it happened, because I was drunk.”*

A fol.25 ta’ l-istqarrija tieghu, l-imputat ikkonferma illi xtraw erba’ (4) *cartons* ta’ inbid ahmar. Mohamed Muse Ali ma setghax jiftakar, kemm-il darba, il-co-imputat kienx qed jabbuza lil din it-tfajla wkoll.

Mohamed Hasan Ibrahim, fl-istqarrija tieghu (a fol.27 et sequitur) ikkonferma li kien ilu Malta mill-15 ta’ Awissu 2008 u li kien harab mid-Detention Centre fiz-zminijiet tal-Milied. Xehed illi kien fis-sakra u li meta qam sab ruhu f’idejn il-Pulizija u bi griehi go wiccu li ma setghax jiftakar kif sehhu. Ftakar illi kienu marru jixtru l-birra min go bar f’Birzebbugia u li mbaghad kienu marru u xtraw erba’ (4) *cartons* ta’ inbid ahmar. A fol.28, l-imputat Ibrahim xehed illi jiftakar illi kien hemm zewg (2) nisa hdejn il-*playground* tat-tfal, wahda dehret normali u ohra kienet fis-sakra u kienet qeghedha titbandal minn naha ghal ohra. Ma ftakarx illi kellimhom lil dawn in-nisa jew li ggieled ma’ Mohamed Muse Ali. A fol.29, jghid illi huwa jiftakar li ggieled ma’ wiehed minn shabu, pero’ dan minhabba illi kien xurban. Xehed illi qatt ma kien xarab xorb alkoholiku qabel dakinhar. Mistoqsi s-segwenti:

Q: *"When you were at the promenade, you and your friend were trying to have sex with a lady. What do you have to say?"*
A: *"The lady was the one who was drunk, but I don't know what happened between us.*
Q: *"Was the lady on the bench?"*
A: *"Yes I think."*
Q: *"Did you sit near her?"*
A: *"Yes I think I sat close to her."*
Q: *"Why did you sit near her and what happened next?"*
A: *"I don't know. It is possible that I needed her."*
Q: *"Did you touch her?"*
A: *"I don't remember. It's possible."*

PS 645 Jerry Attard (a fol.33 et sequitur) ikkonferma illi f'dik il-gurnata tal-Milied 2008, fl-Ghassa ta' Birzebbugia rceviet telefonata illi kien hemm glieda bejn erba' (4) klandestini quddiem *confectionary* "*ommissis*". Ghalhekk huwa acceda ghal fuq il-post u fi triq gie mwaqqaf minn certu *Ommissis X* illi qallu illi kien hemm xi klandestini fuq il-promenade, li sema lehen ta' tfajla tghajjat ghall-ghajjut. Illi huma accedew ghal fuq il-post u sabu tfajla mitluqa ma' l-art, arwiena huta, u wiehed mill-imputati, cioe **Mohamed Hasan Ibrahim, gharkubbtejh, bejn saqajn din it-tfajla:**

*"Jidher li qed jippenetraha, qed jaghmel l-att sesswali."* (ara fol.34)

Illi kif intebah bil-Pulizija, l-imputat Ibrahim, **harab minn fuq il-post, segwit mill-Pulizija**. L-imputat Mohamed Muse Ali:

*"Li kien bil-qegheda fuq il-bank kien diga' bil-jeans imnizzel sa rkubbtejh, liebes boxer shorts, jigifieri qalziet ta' taht...u nizel huwa biex jaghmel ma' din it-tfajla,"* (ibid fol.34)

u l-Pulizija kienu pronti biex irazznuh. Il-Pulizija rnexxielhom jaqbdu lil Ibrahim, li kien harab minn fuq il-post, u li mmanetjawh u **li anke, bil-manetti, Ibrahim rega' attenta biex jahrab minn fuq il-post.**

PS Attard xehed illi l-imputati kienu jidhru **f'sakra kbira u kienu bdew jirrigettaw**. Giet imsejjha ambulanza fuq il-post u l-minuri giet mghottija u mehuda l-isptar. Fuq il-persuna tal-minuri, PS Attard innota illi **din it-tfajla kellha dmiegha fuq mohha u fuq idejjha u li l-post fejn gara l-incident kien mimli dmiegha.**

L-imputati gew akkompanjati sa Lister Barracks, Hal-Far, sabiex igibu tibdilha hwejjeg stante' li l-hwejjeg ta' l-imputati gew elevati ghal skopijiet forensici. Illi fuq il-post kien hemm ukoll PC 966, PC 829, Spettur Priscilla Caruana, Spettur Alexander Miruzzi u Pulizija tal-Mobile.

L-okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok.PS (a fol.39 et sequitur)

*Ommissis A* (a fol.41), **xehedet illi hija kellha *ommissis*- il sena** u ghadha l-iskola. Hija xehedet illi kienet lejla qabel il-Milied u li hija kienet mal-genituri taghha fil-kabb tal-bocci sad-disgha u nofs (9:30) u li mbaghad kienet giet habiba taghha *Ommissis B* u t-tnejn marru c-"Cherries Barr" u xtraw *pitcher*, xorb alkoholiku. Wara dan marru l-"Power Bar" u regghu rritornaw c-"Cherries Bar" fejn qaghadu sa nofs il-lejl:

***"<u>Ahna xrobna nagra sew.</u>"*** (ara fol.42)

Huma telqu mic-"Cherries Bar", biex imorru hdejn il-genituri taghhom fil-klabb tal-bocci u l-incident gara waqt illi *Ommissis A* kienet sejra lejn dan il-klabb:

*"Li niftakar affarijiet ipprovajt qiesni nirrezisti lil xi hadd imma la ucuh, ta' hadd, ma nafx x'gara ghax jiena nahseb intlift minn sensiha bilfors, biex ma niftakar xejn ghax impossibli ma niftakar xejn."*

*Ommissis A* lanqas tiftakar il-post preciz fejn hija giet misjuba mill-Pulizija u lanqas tiftakar li qaltilhom x'jisimha. Taf zgur li meta qamet, sabet ruhha fl-isptar. L-uniku haga li ftakret din il-minuri kienet:

*"Li bdejt nirrezisti xi haga, zgur certa, ghax kemm hu veru anka hawnhekk qisu gidma go xufftejja, ghaddietli naqra issa ghax anka kelli hawnhekk maqsum jien. (xoffitha fuq in-naha tax-xellug)"* (ara fol.44)

Kellha wkoll tbengil fuq diversi partijiet ta' gisimha u girfa fuq sidirha. A fol.45, ***Ommissis A*** **xehedet illi taf li rrezistiet ragel ta' karnaggjon iswed, izda zgur illi ma tarafx l-ucuh.** ***Ommissis A*** **xehedet illi ndunat illi kien hemm glieda li kienet qed issehh fil-vicinanzi taghha izda ma setghatx tghid jekk kienux involuti aktar minn zewg persuni.**

*Ommissis A* xehedet illi kienet liebsa libsa sewda, bic-cingi, *tights,* zarbun ahmar, kartiera hamra, coat iswed, imsielet, gizirana u tlett icpiepet. Kellha wkoll *mobile* (Nokia) li kien jiswa xi hamsin Lira Maltin (Lm50). Hija xehedet li ma kelliex flus fuqha minhabba li dawn kienu qed jinzammu minn *Ommissis B*. Il-habiba taghha kien qed ihossha hazin ukoll, wara x-xorb illi kienet ikkonsmat. *Ommissis A* xehedet illi huma xarbu vodka orange dak il-lejl. A fol.52, *Ommissis A* xehedet illi meta kienet sejra mic-"Cherries Bar", sal-klabb tal-bocci, beda jweggaghha z-zarbun, kienet laqtet ragel imbaghad kienet strahet ma' bank halli tiprova tirranga z-zarbun li kien qed iweggaghha. Ma setghetx tiftakar illi kienet giet avvicinata minn zewg guvintur. A fol.54, hija tghid illi tiftakar illi kienet qeghedha wicca 'l isfel hdejn bank u li kienet qed tiprova tizgicca u li bdiet tisma' xi argument izda ma tiftakar xejn aktar. *Ommissis A* xehedet illi hija u l-habiba taghha kienu kkunsmaw zewg (2) *pitchers* vodka and orange u kienu xtraw flixkun vodka iehor u bdew izidu l-vodka '*neat'* fil-*pitchers*. *Ommissis A* tat il-pozizzjoni taghha, sa fejn tiftakar hi, b'referenza ghall-iskizz ezebit in atti u qalet illi waqt li kienet qed timxi lejn il-klabb tal-bocci hija kienet

storduta hafna. Mitluba tghid jekk kienx veru illi hija bdiet tghajjat ghall-ghajjut meta giet agredita, *Ommissis A* xehedet (a fol.65):

*"Qaluli li bdejt nghajjat imma jien ma nafx li bdejt nghajjat,"*

u li dan l-ghajjat, fil-fatt, gibed l-attenzjoni tan-nies l-akkwata li sejhu ghall-assistenza tal-Pulizija.

*Ommissis C*, omm *Ommissis A*, (a fol.68 et sequitur) ikkonfermat li fil-lejla tal-Milied kienet ma' bintha u l-familja taghha u li t-tfajliet, *Ommissis A* u *Ommissis B*, kienu marru ftit sac-"Cherries Bar." *Ommissis C* xehedet illi f'mument minnhom rat omm *Ommissis B* agitata u marret tfittex lil bintha lejn ic-"Cherries Bar" u minn hemmhekk hi giet infurmata li t-tifla taghha kienet giet mehuda l-isptar. *Ommissis C* xehedet illi meta marret l-isptar, bintha qaltilha li kien hemm zewg irgiel ta' karnaggjon skur u li hija kienet irrezistiethom.

Spettur Alexander Miruzzi (a fol.78 et sequitur) xehed illi gie msejjah Birzebbugia ghal assitenza ulterjuri tal-Pulizija f'Birzebbugia fuq kaz ta' allegat stupru fuq tfajla miz-zewg imputati. Meta wasal fuq il-post ta' l-incident iz-zewg imputati kienu diga' mmanetjati waqt illi l-minuri kienet mixhuta ma' l-art. L-imputat Mohamed Muse Ali (kif indikat mill-Ispettur Miruzzi) kellu l-qalziet imnizzel u kien liebes biss l-*underwear* ta' kulur blu u li kellu riha qawwija hafna ta' xorb alkoholiku u beda jirrigetta. L-imputat l-iehor kellu l-*jeans* imnizzel u l-parti genitali tieghu esposta. Dan kien l-imputat Mohamed Hasan Ibrahim kif indikat mill-Ispettur Miruzzi fl-awla.

Spettur Alexander Miruzzi xehed illi huma kienu qeghdin jipprovaw jikkomunikaw ma' l-imputati permezz ta' interpretu izda z-zewg imputati kienu fi stat ta' sokor kbir (ara xhieda a fol.79). Illi f'hin minnhom, l-imputat Mohamed Hasan Ibrahim, minkejja li kien immanetjat, ipprova jahrab mix-xena ta' l-allegat reat, gie segwit u maqbud minn PC 1093.

Spettur Priscilla Caruana pprovat tikkomunika mal-minuri li dehret ukoll fi stat ta’ sokor kbir tant illi kellha tissejjah ambulanza fuq il-post.

Spettur Miruzzi xehed illi l-imputati kellhom diga’ xi daqqiet fuq wicchom meta huwa wasal fuq il-post u li jidher illi **z-zewg imputati kellhom glieda bejniethom dwar min kien ser ikollu x’jaqsam l-ewwel ma’ din it-tfajla (ara xhieda a fol.81)**. Spettur Miruzzi kien sab lit-tfajla arwiena hlief ghal *underwear* taghha li kien spustjat. A fol.82, Spettur Miruzzi ta l-pozizzjoni tal-vittma fuq l-iskizz ezebit fl-atti (a fol.21).

PC 22 Stephen Micallef (a fol.84) kien *duty night patrol* f’*Christmas Eve* u gie msejjah minhabba glieda illi kienet qed issehh fil-promenade. PC 22 xehed illi kienu lahqu gew il-Pulizija tad-Distrett. PC 22 xehed illi sab tfajla arwiena kompletament bir-*ricepetto* imnizzel. PC 22 gharaf l-imputati. Qal illi dawn gew arrestati minn fuq il-post u li wiehed minnhom ipprova jahrab minn fuq il-post izda gie mrazzan. Ikkonferma illi z-zewg imputati kienu xurbana u li l-vittma kienet mitlufa minn sensieha. **Huwa xehed illi l-imputati kellhom il-qalziet (*jeans*) imnizzel u t-tnejn kellhom il-parti genitali taghhom esposti ghax ried li jkollhom x’jaqsmu maghha sesswalment (ara fol.86).** Il-Pulizija ta’ fuq il-post mill-ewwel ghattew lil vittma.

Spettur Priscilla Caruana (a fol.92) ikkonfermat ix-xhieda tal-Pulizija. Spettur Caruana tat deskrizzjoni ta’ kif sabet lil minuri, illi kellha xi griehi fuq mohha. Ikkonfermat illi Ibrahim ipprova jahrab minn fuq il-post minkejja li kien immanetjat u li gie mrazzan mill-Pulizija. Spettur Priscilla Caruana xehedet illi l-Pulizija kienu gew imsejjha minhabba l-ghajjat ta’ din it-tfajla, u li kienu sabu partijiet mill-*costume jewellery* taghha, imxerred ma’ l-art u li ghaldaqstant kien jidher li kien hemm taqbidha bejn il-minuri u l-imputati. Ikkonfermat l-istqarriji ta’ l-imputati u li dawn kienu assistiti minn interpretu.

Gie ezebit il-Process Verbal (Dok.MM) u kkonfermati l-Esperti nominati.

PS 1184 ezebixxa Dok.PG1 sa Dok.PG4, relazzjoni u ritratti annessi.

WPC 69 (a fol.119) ezebit ghoxrin (20)-il ritratt (Dok.G1 sa Dok.G20) u li kkonfermat il-istess.

Dr. Mario Scerri ezebixxa u kkonferma r-relazzjoni tieghu Dok.MS (a fol.130 et sequitur), fejn ikkonferma l-griehi illi sab fuq il-minuri, li kienet fi stat ta’ sokor konsiderevoli, u li **sabha bil-*hymen* intatta u ma jidhirx illi kien hemm evidenza ta’ trauma fil-partijiet genitali ta’ l-istess minuri**. L-uniku haga illi qaltlu kienet:

*“**Dawk is-suwed, dawk is-suwed**.”* (a fol.127)

Dr. Mario Scerri elenka wkoll il-griehi li kellhom l-imputati.

Dr. Marisa Cassar (a fol.163) ghamlet l-analizi tad-demm fuq il-hwejjeg tal-minuri, dawk ta’ l-imputati, li kollha gew elevati mix-xena tad-delitt u ezebiet ir-rapport taghha Dok.MC (a fol.166 sa fol.184).

*Ommissis B* (a fol.185) ikkonfermat ix-xhieda tal-minuri *Ommissis A* ghal dak illi jirrigwarda l-postijiet fejn marru dawn iz-zewg tfajliet f’Lejliet il-Milied u l-ammont ta’ xorb illi kienu kkonsmaw. *Ommissis B* xehedet illi hija bdiet thossha hazin u ddecidiet illi tmur hdejn il-genituri taghha fil-klabb tal-bocci, flimkien ma’ *Ommissis A*, li fit-triq;

*“**Naf li qasam iswed, ghidtilha ejja ha mmorru jien, pero’ speci rajtu jkellimha u hekk**.”*

Illi hija halliet lil *Ommissis A* fejn il-venda ghaliex kien qed ihossha hazin. Bdiet tirrigetta fit-triq u kif waslet fil-klabb tal-bocci, *Ommissis B* ntilfet minn sensieha tant illi riedu jehduha l-isptar. ***Ommissis B* kkonfermat illi kull *pitcher* jiehu erba’ (4) tazzi.** *Ommissis B* giet muriha l-iskizz u kkonfermatu.

***Ommissis X* xehed illi huwa kien qieghed go *flat ommissis* ta' "*ommissis*" meta sema hafna ghajjat u storbju, hgieg jinkiser u f'daqqa wahda sema lehen ta' tfajla tghajjat il-kliem: *"Halluni halluni,"* ghal erba' (4) darbiet, li ghaldaqstant cempel lil Pulizija u li dawn gew minnufih u arrestaw lin-nies involuti. *Ommissis X* xehed li fil-bidu tal-glieda kien hemm sebgha (7) minn nies, tlieta (3) bir-rota li telqu u tnejn (2) ohra li telqu bil-mixi, waqt illi l-ahhar tnejn gew arrestati mill-Pulizija.**

Stephania Zerafa kkonfermat ix-xhieda ta' *Ommissis X*.

Godwin Sammut ezebixxa r-relazzjoni tieghu, Dok.GS (a fol.210 et sequitur) u sab illi z-zewg imputati, kif ukoll il-minuri *Ommissis A*, kellhom livell alkoholiku fid-demm taghhom pjuttost gholi.

**PS 966 Ray Desira (a fol.215) ikkonferma illi Mohamed Hasan Ibrahim kien l-imputat li pprova jahrab minn fuq il-post.** PS 966 gharaf ukoll l-imputat l-iehor u ezebixxa l-okkorrenza Dok.PSX

PC 829 Alan Dougall (a fol.220) ikkonferma x-xhieda ta' PC 966.

PC 1241 Christopher Farrugia (a fol.223) ikkonferma x-xhieda ta' PC 966.

WPC 219 Erika Abela, li kienet *duty* bhala *orderly,* u kkonfermat illi kienet hi illi hadet ir-rapport dwar il-glieda bejn xi klandestini f'Lejliet il-Milied.

A fol.234, Perit Richard Aquilina, ezebixxa u halef ir-rapport tieghu Dok.RAW

Ahmed Hasan Abulkadir (a fol.244) ikkonferma illi hu kien interpretu illi assista lill-imputat fit-tehid ta' l-istqarrijiet taghhom (Dok.RA2 Dok.RA3) u kkonferma l-firma tieghu fuq dawn id-dokumenti.

Spettur Raymond Aquilina kkonferma l-istqarrija (Dok.RA3).

Spettur Priscilla Caruana (a fol.259) ikkonfermat id-dokument (a fol.32).

Marica Mifsud (a fol.260) ezebit it-traduzzjoni ta’ xhieda ta’ l-interpretu Ahmed Hasan Abulkadir.

Dr. Chris Barbara (a fol.281) xehed illi l-livell ta’ l-alkohol fid-demm kien ta’ 201 MG per deciletru, meta persuna normali jkollha anqas minn 10 MG. Ikkonferma illi huwa kien ha l-kampjun tad-demm minghand il-minuri *Ommissis A* u li ghaddih lil Godwin Sammut u ezebixxa Dok.CB

Dr. Mario Scerri kkonferma illi kienu ttiehdu wkoll il-kampjuni tad-demm minghand l-imputati u li dawn gew ukoll mghoddija lil Dr.Marisa Cassar ghat-testijiet tad-DNA.

Spizjar Godwin Sammut ikkonferma illi huwa kien gabar kampjuni tad-demm minghand Dr. Chris Barbara u minghand Dr. Mario Scerri. Dawn il-kampjuni tad-demm kienu tal-minuri *Ommissis A* u ta’ l-imputati. Godwin Sammut ezebixxa Dok.GSX

PS 645 Jerry Attard, in kontro ezami, ikkonferma illi l-imputat kienu rrigettaw fl-inhawi fejn kienu sabu lil minuri. Illi dawn l-inhawi kienu wkoll mimlija hgieg minn flixken ta’ l-inbid u tal-birra. Huwa xehed illi l-promenade kienu mdawwla bil-fanali tad-dawl u li, permezz ta’ dan id-dawl, huwa seta jara car. Fil-promenade kien hemm cnut gholjin xi tlett (3) filati, illi fihom kien hemm xi xtieli. Minkejja dawn l-istrutturi, PS 645 Jerry Attard xehed illi dawn ma ostakolawx il-vizjoni.

Dr. John Mifsud, psikjatra u specjalizzat fis-sessologija klinika, gie mistoqsi kemm-il darba rgiel ta’ l-eta’ ta’ l-imputati li kkonsmaw ammont sostanzjali ta’ alkohol, cioe 1.41 MG/ml u 1.71 MG/ml setghux ikunu kapaci li jkollhom erezzjoni. Dr. John Mifsud irrisponda illi in eccess ta’ 0.8 MG/ml tibda l-konfuzjoni mentali u jkun hemm “gross

muscular discoordination”. Illi, di piu’, jekk kemm-il darba l-persuni ma jkunux imdorrija jixorbu xorb alkoholiku, l-effett jawmenta, pero’, ma setghax jeskludi l-possibilita’ ta’ erezzjoni f’dawn ic-cirkustanzi.

Ikkunsidrat:

Mill-provi fuq prodotti huwa evidentissimu illi z-zewg imputati illi kienu fi stat ta’ sokor konsiderevoli kienu ddecidew illi jkollhom x’jaqsmu ma’ *Ommissis A*, minuri ta’ *ommissis*-il sena, illi kienet fi stat ta’ sakra kbira. Illi din dehret miexja, tixxengel mal-promenade u giet nutata mill-imputati illi kienu wkoll ma’ numru iehor ta’ guvintur. Dawn il-guvintur telqu minn fuq il-post qabel ma gara l-incident, meritu ta’ l-akkuza u dana skond ix-xhieda ta’ *Ommissis X*, illi kien qieghed go *flat* li jaghti ghal fuq il-promenade.

It-tfajla, *Ommissis A*, li waqfet ftit, il-ghaliex kien qed iweggaghha z-zarbun, giet assaltata miz-zewg imputati u sfat mitluqa ghal tula fuq il-promenade, imnezza totalment minn hwejjigha bir-*recipetto* f’qaddha. *Ommissis X* sema lil din it-tfajla tghajjat ghall-ghajjut bil-kliem, “*Halluni,”* ghal erba’ (4) darbiet. Illi f’dan il-mument, iz-zewg imputati bdew jiggieldu dwar min minnhom kellu ikollu x’jaqsam ma’ din it-tfajla. *Ommissis X*, meta sema l-ghajjat tat-tfajla, kien pront u cempel ghall-assistenza tal-Pulizija, li waslu fuq il-post, kwazi kwazi mill-ewwel u sabu lill-imputat Mohamed Hasan Ibrahim in fragrante delicto, bil-*jeans* imnizzel, bil-parti genitali esposti u Mohamed Hasan Ibrahim qieghed mixhut fuq din it-tfajla, li kienet mitlufa minn sensiha, qed jaghmel l-att sesswali fuqha, waqt li il-co-imputat l-iehor Mohamed Muse Ali kien instab wkoll bil-qalziet, u l-qalziet ta’ taht imnizzlin, pront sabiex kif ilesti l-co-imputat l-iehor ikollu wkoll kongungiment karnali ma’ din it-tfajla mitlufa minn sensiha. **Tant hu hekk illi kif il-Pulizija gibdu lil Mohamed Hassan Ibrahim minn fuq it-tfajla, u kif il-Puliziija gew aljenati momentarjament minhabba l-attentat ta’ harba da parti ta’ Ibrahim, Mohamed Muse Ali nizel ghal fuq it-tfajla u pprova jkollu x’jaqsam maghha u gie kontrolat mill-Pulizija wara li dawn irnexielhom irazznu lil Ibrahim.**

Illi l-imputati jinstabu mixlija bi stupru ai terminu ta' l-Artikolu 198 Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

**"Kull min, bi vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija, minn tlett snin sa disa' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha."**

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti m'hemm dubju ta' xejn illi l-atti sesswali fuq din il- minuri imwettqa mill-imputati kienu bi vjolenza, kif jidher car mid-diversi griehi li gew kostatati fuq il-persuna ta' *Ommissis A* minn Dr Mario Scerri u l-ghajjat tal-minuri li kienu tali li *Ommissis X* li kien qieghed fil- *flat* fuq il- *promenade* immedjatament ghajjat ghal-assistenza tal-Pulizija. Din l-assistenza kienet wahda immedjata, tant illi l-imputati nqabdu in flagrante delicto.

Illi l- insegniament tal- gurisprudenza tal-Qrati Maltin f' materja ta' stupru kostantament jirrittjeni illi bidu ta' penetrazzjoni huwa sufficenti sabiex tiskatta l- htija.

Kif gie ben ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per l-Onor Imhallef Joseph Galea Debono, fl-ismijiet il-**Pulizija Supt. Bartholomeo Mula et. vs. Ommissis, deciza fl-4 ta' Settembru 2003:**

**"*Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shih u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti r-reat. Ghalkemm it-tabib nominata mill-Qorti ma sabitx evidenza ta' penetrazzjoni, sabet sinjali ta' tbaghbis u dan minnu nnifsu jikkorrobora l-verzjoni tal-minuri li l-appellant kien jasal sa l-istadju li jpoggi l-parti genitali tieghu mall-vestibolu tal-minuri u jezercita certa pressjoni b'mod li jweggaghha. L-Ewwel Qorti, fuq bazi ta' dan, setghet, kieku riedet, anke sabet lill-appellant hati tar-reat ta' stupru vjolenti kkunsmat u mhux ta' tentattiv kif ghamlet, izda dwar dan, ma sar ebda appell mill-Avukat Generali.*"**

Illi l-fatt spece ta' dan il-kaz juru bic-car illi minkejja li l-minuri kellha diversi griehi difensjonali ma' gisimha, l-evidenza medika ma turix illi kien hemm griehi fil-parti genitali tal-minuri illi juri xi "tbaghbis", kif fuq indikat, fil-parti intima tal-minuri. Ghal kuntrarju, mix-xhieda ta' Dr. Mario Xerri juri bic-car, illi l-minuri kienet ghadha bil-*hymen* intatta u ma kien hemm ebda hmura, tbengil, jew grif, fil-parti intima ta' l-istess minuri.

Illi dana kollu, flimkien mal-fatt illi l-imputati kienu pjuttost xurbana, twassal il-Qorti biex tikkonkludi illi l-provi li 'l hinn, minn kull dubbju dettat mir-raguni, f'dan il-kaz iwasslu sa l-attentat ta' stupru u mhux ta' stupru kkunsmat.

Din il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Dr. John Mifsud li ma eskludix il-possibilita' ta' kongungiment karnali, minkejja l-istat ta' sokor ta' l-imputati u, bl-ebda mod, ma tistgha takkolji dak sollevat mid-Difiza fit-trattazzjoni u cioe l-impossibilita' ta' stupru da parti mill-imputati fuq il-minuri minhabba l-istat ta' sokor li, bih, kienu afflitti, stante illi dan huwa palezement kontradett minn numru konsiderevoli ta' Pulizija illi qabbdu lill-imputati fuq il-minuri, li kienu znudaw propjament fil-mument illi qeghdin jipprovaw ikollhom kongungiment karnali maghha.

L-imputati gew akkuzati ta' sekwestru tal-persuna a tenut ta' l-Artikolu 86 u 87 (1)(g) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skond l-insenjament tal-Qorti Kriminali fil-kawza **Police vs. Dennis Pandolfino et.** (Per Imhallef Dr. Joseph Galea Debono) deciza fid-19 ta' Ottubru 2006 meta s-sekwestru jew l-arrest ta' persuna jkun il-mezz sabiex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti fuq il-pudur, htija fuq reat ta' sekwestru ma tistax treggi fil-konfront ta' imputati:

***"Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet***

***irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.***

***Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra.***

***Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru."***

Illi ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti illi din l-akkuza fil-konfront ta' l-imputati ma tissussistix stante li l-agir ta' l-imputati kien mezz sabiex jitwettaq l-ewwel reat li bih jinsabu mixlija.

Huwa evidenti li l-akkuzi l-ohra dedotti kontra l-imputati jissussistu u gew sodisfacentement ipprovati, izda ghandhom jigu assorbiti ai fini ta' piena fl-ewwel akkuza ta' stupru. Dan qed jinghad il-ghaliex l-istupru u l-attentat ta' stupru huwa atto di libidini par excellance.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputati, **Mohamed Muse Ali** u **Mohamed Hasam Ibrahim**, hatja ta' attentat ta' kongungiment karnali bi vjolenza, mhux hatja tat-tieni (2) akkuza, li minnha tilliberahom, hatja tat-tielet (3) sad-disgha (9) akkuza, bit-tielet sat-tmien (8) akkuza assorbiti ai fini ta' piena fl-ewwel (1) akkuza u wara li rat l-Artikoli 18, 41(1)(a), 42, 198, 201(b), 203(a), 204C, 207, 209, 251A, 251C, 339(n) u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputati ghal erba' (4) snin prigunerija**

illi minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputati qattaw f'arrest preventiv.

In oltre', il-Qorti tikkundanna lill-imputati jhallsu spejjez tal-perizji inkorsi f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------